**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 27 ta' April 2016**

**App. Nru. 426/11 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi *omissis,* talli f'dawn il-Gżejjer, f'Awwissu 2009, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

(1) b'egħmil żieni, ikkorrompa lill-aħwa *omissis 1* u *omissis 2*, persuni ta' taħt l-eta`;

(2) fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-artikolu 203(1), eċċita, għen jew iffaċilita l-korruzzjoni ta' l-imsemmija minuri ta' taħt l-eta` tas-sess il-wieħed jew l-ieħor.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imsemmi *omissis* milli javviċina lill-persuna u r-residenza tagħha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

F'każ ta' ħtija l-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta` tal-persuna involuta u l-familja tagħha ai termini ta' l-artikolu 382A *et sequitur* tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' l-14 ta' Ottubru 2011 fejn dik il-Qorti, sabet lill-imsemmi *omissis* ħati ta' l-ewwel imputazzjoni iżda mhux ħati tat-tieni imputazzjoni li minnha lliberatu, u wara li rat l-artikoli 18, 203(1)(a)(b) u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu għall-piena ta' tliet (3) snin priġunerija li minnha jrid jitnaqqas il-perijodu li serva f'arrest preventiv. Inoltre ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għal perijodu ta' tliet snin kontra l-istess *omissis* u favur il-minuri *omissis 1* u *omissis 2* u l-familja tagħha, bil-kundizzjoni li ma jkellimx, ma jikkomunikax bl-ebda mezz u ma jimmolestax dawn il-minuri jew il-familja tagħhom;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi *omissis* ppreżentat fis-26 ta' Ottubru 2011 fejn talab li din il-Qorti (1) tħassar u tirrevoka l-proċeduri u s-sentenza appellata u tilliberah minn kull piena u ħtija, jew subordinatament (2) tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu ma ġiex misjub ħati tat-tieni imputazzjoni u li minnha ġie liberat, u tirrevokaha kwantu nstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni hekk kif aggravata mill-Avukat Ġenerali billi tiddikjarah mhux ħati ta' l-imputazzjoni hekk kif aggravata mill-Avukat Ġenerali, tiddikjarah ħati ta' l-ewwel imputazzjoni mingħajr aggravji u li tvarja l-piena nflitta għal piena oħra nqas skond il-liġi, jew alternattivament (3) tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi timponi piena aktar ekwa u ġusta skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xiehda ta' l-Ispettur Raymond Aquilina; rat il-*pre-sentencing investigation report* imhejji mill-uffiċjal tal-*probation* Rona Custo`; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li ma setax jiġi dikjarat ħati ta' ċirkostanzi aggravanti fl-artikolu 203 tal-Kodiċi Kriminali; (2) li l-proċess li wassal sabiex tiġi ottenuta l-ammissjoni tiegħu tilledi d-drittijiet tiegħu sanċiti mill-Kostituzzjoni; (3) li, f'każ li din il-Qorti ma tiddikjarax il-proċeduri nulli, għandu jingħata l-possibilita` li jressaq provi u argumentazzjoni għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali; (4) li għal dak li hu l-

apprezzament tal-provi, l-ewwel Qorti ħolqot provi li ma jeżistux in atti; (5) li l-piena mhijiex waħda ġusta.

**6.** Permezz ta' l-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jgħid:

> "Illi mill-bidu nett qed jigi sottomess illi ghalkemm l-esponenti ser jargumenta fis-sezzjoni hawn taht illi l-Ewwel Onorabbli ma setghetx legalment issib lill-appellant hati taht il-*proviso* ta' l-artikolu 203(1)(a)(b), dan ghandu ukoll jittiehed fl-isfond tal-aggravju li jmiss immedjatament wara dan. Dan l-ewwel aggravju qieghed jigi mressaq 'il quddiem biss minghajr pregudizzju ghall-aggravju tieghu dwar il-htija, izda subordinatament f'kaz ta' konferma ta' htija, il-htija ghandha tigi dikjarata biss taht l-artikolu 203 minghajr ebda aggravju taht il-paragrafi (a) u (b) tal-artikolu 203(1).
>
> "L-esponenti, skond l-istess tahrika tal-kawza mahruga mill-pulizija datata 12 ta' Novembru 2009 tressaq il-Qorti fuq imputazzjonijiet talli: bl-ewwel wahda tkun dik talli 'b'ghemil zieni ikkorrompa lil ahwa *omissis 1* u *omissis 2* persuni taht l-eta`' — u xejn izjed. Ma hemm l-ebda indikazzjoni bl-ebda mod ghall-*proviso*, u cioe` l-aggravju tal-istess artikolu 203 li jaghmel dan ir-reat iktar gravi u li jorbot mieghu piena aktar harxa.
>
> "Fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 4 ta' Awissu 2010, l-Avukat Generali fin-nota zied dawn l-aggravji. Il-Prosekuzzjoni fl-ebda stadju qabel ma talbet li tikkorregi l-imputazzjoni originali u zzid dawn l-aggravji. Biz-zieda tal-Avukat Generali tal-aggravji fin-nota ghall-gudizzju, l-esponenti sab ruhu mhux biss misjub hati, izda misjub hati b'mod differenti (aktar gravuz) minn dak li huwa gie akkuzat originarjament!
>
> "Filwaqt illi huwa minnu illi s-sub-artikolu (1)(c) [*recte:* (1)(a)(b)] tal-artikolu 203 tal-Kap 9 li tieghu l-appellant instab hati, huwa parti mill-artikolu 203 liema artikolu kien indikat fin-nota tal-Avukat Generali, madanakollu l-interpretazzjoni tal-Qrati taghna ghamluha cara matul is-snin illi fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju li ssir skond l-artikolu 370(3) (kif inhu l-kaz odjern), filwaqt illi jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti, ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni.
>
> "Il-*leading judgement* fuq dan il-punt ta' ligi huwa l-kaz deciz minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Michael Carter', fejn gie ritenut illi:-
>
> "*'Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat.'*"

**7.** Issa, fil-każ in eżami l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellant mill-Pulizija Eżekuttiva takkużah biss li huwa "b'egħmil żieni kkorrompa lill-aħwa *omissis 1* u *omissis 2*, persuni ta' taħt l-eta`". Jiġifieri d-diċitura magħżula mill-Pulizija Eżekuttiva hija dik li tinsab fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 203 tal-Kodiċi Kriminali. L-istess subartikolu (1) jipprovdi wkoll għal ċirkostanzi aggravanti li, fl-imputazzjoni kif dedotta fil-każ odjern, ma jissemmewx. Dan ma jfissirx illi persuna ma tistax tinsab ħatja ta' xi waħda jew oħra minn dawk iċ-ċirkostanzi aggravanti jekk jirriżultaw mill-kumpilazzjoni, għax hawn si tratta ta' l-istess delitt. In-norma hi li l-Pulizija Eżekuttiva ssemmi dawk iċ-ċirkostanzi aggravanti li hi jidhrilha jeżistu. Ma jfissirx, iżda, li jekk ma jissemmewx allura l-Avukat Ġenerali, fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju, huwa prekluż milli jindika dawk iċ-ċirkostanzi aggravanti li fil-fehma tiegħu jidhirlu li jirriżultaw mill-kumpilazzjoni. Wara kollox id-delitt huwa wieħed, dak ta' korruzzjoni ta' minorenni, u fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ta' l-4 ta' Awwissu 2010 l-Avukat Ġenerali ma żiedx reati iżda speċifika, fir-reat in eżami, żewġ ċirkostanzi aggravanti. Naturalment dan irid jiġi reż ċar lill-appellant meta jinqraw l-artikoli lilu wara tali rinviju.

**8.** Fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2010 bdiet tixhed il-minorenni *omissis 1* permezz ta' *video-conference*. Jidher illi bdiet tibki waqt li kienet qed tixhed u ma setgħetx tkompli. F'dik l-istess seduta l-appellant irreġistra ammissjoni dwar l-ewwel imputazzjoni. Jidher li din l-ammissjoni ġiet reġistrata wara li l-Maġistrat sedenti nfurmat lill-partijiet li ma kienx possibbli li titkompla x-xiehda tal-minorenni u, skond l-appellant, l-istess Maġistrat:

> "daret ghal fuq l-avukat difensur u offriet hi stess li fil-kaz li l-imputat jirregola ruhu, ikun il-kaz ta' l-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A. L-avukat difensur staqsa jekk hux fil-massimu possibbli jew le u ssuggerixxa l-applikazzjoni ukoll ta' Treatment Order. Il-Qorti wiegbet li s-sospensjoni tkun fil-massimu.
>
> "L-imputat cioe` l-appellant odjern qieghed in awla jisma' kollox u staqsa lill-avukat difensur x'riedet tfisser bih il-Magistrat il-kliem li qalet. Dan gie lilu spjegat li f'kaz li huwa jammetti, il-Qorti kienet ser ittieh piena ta' prigunerija ghal sentejn sospiza ghal erba' snin u li jrid jibqa' jzur lil Dr. Mark Xuereb, tabib kuranti tal-familja tieghu. L-imputat accetta l-offerta tal-Qorti.
>
> "Il-genn ta' din is-seduta jkompli jigi mifhum fid-dawl tal-kuntest li sakemm qed issir l-offerta, l-awla tigi nfurmata li kien hemm theddida ta' bomba u li l-edificju tal-Qorti kellu jigi zgumbrat."

**9.** L-atti ġew rinvijati lill-Avukat Ġenerali li rinvijahom lura b'talba biex jinstemgħu numru ta' xhieda. Fis-seduta ta' l-1 ta' Lulju 2010 saret talba mid-difiża biex jixhed Dr Mark Xuereb. It-talba ntlaqgħet, xehed l-imsemmi Dr Mark Xuereb, u l-atti ġew mill-ġdid rinvijati lill-Avukat Ġenerali.

**10.** Bin-nota tiegħu ta' l-4 ta' Awwissu 2010, l-Avukat Ġenerali rrinvija l-atti għall-ġudizzju mill-ewwel Qorti b'dan li qabel ma l-ewwel Qorti ssaqsi lill-appellant kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja, kellha tisma' numru ta' xhieda. Fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2010, il-prosekuzzjoni rrinunzjat għax-xhieda kollha ħlief dik ta' Martin Bajada. Fis-seduta ta' l-1 ta' Frar 2011 xehed l-imsemmi Martin Bajada u l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi. Il-verbal ta' dik is-seduta jkompli hekk:

> **"Il-Qorti qrat l-artikoli.**
>
> **"L-imputat jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li jiġi ġudikat minn din il-Qorti.**
>
> **"L-imputat kif assistit reġa' ammetta l-ewwel akkuża stante li t-tieni akkuża hi alternattiva għall-ewwel akkuża.**
>
> **"Saret trattazzjoni.**
>
> **"Il-kawża ġiet differita għas-6 ta' April 2011 f'12.00 għas-sentenza."**

**11.** L-appellant jissokta jgħid:

> "Aktar minn sena wara tinghata s-sentenza u jinghata piena' ta' tlett snin prigunerija!
>
> "Ifakkar l-appellant fi kliem Lord Denning li *'for justice to be done, it has to be seen being done'*. Dan ma huwiex il-kaz odjern.
>
> "... Dan ma huwiex kaz ta' *sentence bargaining* illi l-Qorti ma abbraccjatx ....
>
> "Dan l-aggravju jkompli jiehu xejra aktar importanti dakinhar tas-seduta meta l-appellant odjern gie mistoqsi jekk huwa ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jkun deciz mil-Qorti tal-Magistrati. Liema hija dik il-persuna li tghid le ghal din id-domanda jekk tkun taf diga` l-piena li dak il-Magistrat ser jtik, piena li l-Magistrat qalet *in open court*? It-twegiba hija hadd.
>
> "A kuntrarju ta' dak li hemm fis-sentenza u cioe` li l-artikoli nqraw, prassi li l-Ewwel Qorti hekk kif presjeduta tosserva rigorozament, fil-kaz odjern dan ma garax u dan bhal ma jista' jigi kkonfermat bil-gurament mill-partijiet presenti. Kieku nqraw kienet temergi li l-Avukat Generali zied l-aggravji kkontestati fl-ewwel aggravju u mhux l-esponenti u d-difensur tieghu jsiru jafu bihom nhar l-14 ta' Ottubru 2011 u ikkonfermaw dan meta jinghataw kopja tal-atti wara s-sentenza.
>
> "Il-process kollu fil-kawza odjerna, l-esponenti jishaqq li minhabba l-mod ta' x'wassal sabiex giet ottjenuta l-ammissjoni tieghu, s-sejbien ta' htija tieghu tilledi d-drittijiet tieghu kollha sanciti mil-Kostituzzjoni."

**12.** Anke jekk stess l-ewwel Qorti ma kinitx qrat l-artikoli, l-appellant u d-difensuri tiegħu kellhom aċċess għan-nota ta' rinviju għall-ġudizzju fejn kien hemm elenkati l-artikoli li l-Avukat Ġenerali dehrlu li taħthom setgħet tinstab ħtija. Kien hemm kważi sitt xhur sakemm saret it-trattazzjoni li fihom setgħu ħadu konjizzjoni ta' l-atti.

**13.** Issa, quddiem din il-Qorti xehed l-Ispettur Raymond Aquilina, li qal: "id-difiża kienet qalet illi lesta tirreġistra ammissjoni biex tevita trawma ulterjorment lill-minuri u kienet, jekk mhux sejjer żball, ipproponiet sentenza sospiża. It-termini ta' kemm ħarġet bihom id-difiża ma niftakarhomx bl-eżatt pero` kienet ta' *suspended sentence* u b'*supervision*. Il-Qorti jekk niftakar sew kienet qalet iva nista' nasal s'hemm pero` tkun fil-massimu tagħha u l-imputat kien irreġistra ammissjoni." Id-difiża ndikat li ma kinitx qed taqbel li kienet hi li pproponiet li tingħata sentenza sospiża. Jidher ċar, pero`, li l-ewwel Qorti kienet lesta li tagħti sentenza sospiża ta' priġunerija flimkien ma' ordni ta' superviżjoni. Dan bla dubju inċentiva lill-appellant biex jammetti l-ewwel imputazzjoni. Saħansitra l-prosekuzzjoni indikat tali possibilita` waqt it-trattazzjoni quddiem l-ewwel Qorti.

**14.** Il-mistoqsija hawn tiġi waħedha: għal x'hiex kien qiegħed jammetti l-appellant? Meta rreġistra ammissjoni fil-21 ta' Mejju 2010, l-appellant kien qiegħed jammetti l-ewwel imputazzjoni dedotta mill-Pulizija Eżekuttiva li, kif ingħad, permezz tagħha kienet qed takkużah bir-reat ta' korruzzjoni tal-minorenni *omissis 1* u *omissis 2 sic et simpliciter*. Wara n-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali, fejn bħalma hu stabbilit, tali nota tassumi rwol simili għal dak ta' l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali, jekk l-appellant xtaq jippersisti fl-ammissjoni tiegħu, din kellha tkun bażata fuq x'tipprovdi l-imsemmija nota. Sfortunatament jidher li la d-difensuri ta' l-appellant, u wisq anqas l-appellant, ma ħadu l-isbriga li jinfurmaw ruħhom bil-kontenut eżatt tan-nota ta' rinviju, u dan ovvjament għax kienu qed jistennew li, kif indikatilhom l-ewwel Qorti, kienet lesta li tikkunsidra li tagħti sentenza sospiża ta' priġunerija b'ordni ta' superviżjoni. Huwa naturali, għalhekk, li meta ngħatat sentenza effettiva ta' priġunerija, l-appellant kien sorpriż. Fil-fatt, jekk l-ewwel Qorti, wara li kienet eżaminat l-atti, kien jidhrilha li ma kinitx f'posizzjoni li tagħti sentenza sospiża ta' priġunerija kif oriġinalment indikat, kellha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex iġġib quddiem il-partijiet id-diffikulta` minnha riskontrata.

**15.** Fl-istess ħin din il-Qorti ma tistax tqis l-ammissjoni ta' l-appellant bħala waħda vvizzjata. Meta tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja, huwa ddikjara ruħu mhux ħati. Waqt is-smiegħ tal-kumpilazzjoni, kien hemm mument partikolari, meta ġie mgħarraf x'piena kienet lesta li tikkunsidra l-Qorti f'każ ta' ammissjoni, li ammetta għad-delitt ta' korruzzjoni ta' minorenni. Kieku ried

seta' ppersista fid-dikjarazzjoni oriġinali tiegħu ta' nuqqas ta' ħtija. Iżda minflok għażel li jammetti. Issa, meta ammetta fil-21 ta' Mejju 2010 għall-imputazzjoni oriġinali, fejn jissemmew iż-żewġ minorenni, kien diġa` ġie stabbilit illi waħda minnhom kienet taħt it-tnax-il sena. Għalhekk m'hemmx dubju illi ċ-ċirkostanza aggravanti ndikata fil-paragrafu (a) tal-*proviso* tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 203 tal-Kodiċi Kriminali kellha u għandha pjena applikabilita`. In-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali ndikat kemm il-paragrafu (a) kif ukoll il-paragrafu (b). Din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju illi l-appellant ma kienx qiegħed jammetti għaċ-ċirkostanza aggravanti kontenuta fil-paragrafu (b).

**16.** Fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-ewwel Qorti qalet li ċ-ċirkostanza aggravanti ta' qerq kienet tirriżulta għax l-appellant "qal lil minuri illi ma kienx findanzat mentri fil-fatt kien għarus". L-appellant jgħid:

> "Dan ma huwiex il-qerq li l-Kodici Kriminali jirraviza. Il-qerq li l-legislatur qed jipprojbixxi kien dak l-agir li jwassal sabiex il-minuri jkun ingannat u maqbud fil-morsa tal-pedoflu, morsa li ma jkunx jista' jinhall aktar minnha. Bhal fil-kaz fejn persuna bl-iskuza li ghanda helu d-dar tistieden lil minuri f'darha ghal helu u kif il-minuri jidhol f'dik id-dar, jsehhu a spejjez tal-minuri l-atrocitajiet kollha possibbli. Dak huwa l-qerq u mhux il-bniedem jghid li huwa single meta skond ohthom il-kbira dik il-persuna hija f'relazzjoni. Jigi mfakkar kif *omissis 3* taf biss lill-esponenti fuq il-lant tax-xoghol u mkien iehor."

**17.** Din il-Qorti taqbel ma' l-appellant, anke peress illi ma kinitx din is-sempliċi dikjarazzjoni ta' l-appellant li wasslet biex il-minorenni jiċċettjaw miegħu. Huma ċċettjaw miegħu wara li oħthom qaltilhom li kienet tafu bħala kollega tax-xogħol.

**18.** L-appellant jirreferi wkoll għal parti oħra tal-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti fejn qalet illi l-minorenni kienu "tfal ta' l-iskola illi ma kinux ġew esposti għal ebda esperjenza sesswali qabel ma ġew esposti għal ġesti nudi ta' masturbazzjoni da parti tal-imputat fuq l-iscreen tal-kompjuter tagħhom f'darhom." L-appellant jgħid illi ma hemm ebda prova li huwa kien qiegħed jimmasturba u li minuri ta' l-eta` ta' dawk imsemmija f'dawn il-proċeduri, skond in-National Minimum Curriculum li l-iskejjel kollha ta' Malta għandhom isegwu, mill-klassi ta' year 4 sa year 6, għandhom jiġu mgħallma l-*facts of life*.

**19.** Dwar li ma hemm l-ebda prova li l-appellant kien qiegħed jimmasturba, kull ma jirriżulta mill-provi huwa dak li l-appellant jgħid fl-istqarrija mhux kontestata tiegħu fejn, mistoqsi x'kienet l-imġieba ħażina tiegħu vis-a-vis il-minorenni, jgħid: "Li qgħadt ninżalhom fuq il-kompjuter bil-webcam. Jiena rrid ngħid li din (webcam) kienet 'minimised' u mingħalija kienet mitfija meta jiena qomt bil-wieqfa sabiex inħokk il-parti tiegħi. Fil-fatt inżajt il-boxer shorts, u

ħakkejt meta kont bil-wieqfa. Jidher li *omissis 1* kienet ratni bil-parti privata barra. Fil-fatt, ftit wara rajt il-'miminise orange', dħalt u sibt lil *omissis 1* li kienet qaltli biċ-*chat* li 'rat kollox'.... Dan l-inċident meta qabadni l-ħakk [ġara] darba." Li tħokk huwa differenti minn masturbazzjoni.

**20.** Dwar li l-*facts of life* jiġu mgħallma lill-minorenni huwa ċertament differenti minn atti ta' libidini li jsiru fuq jew quddiem minorenni għall-gratifikazzjoni tar-*reo*.

**21.** Dwar il-piena l-appellant jikkummenta li dan huwa każ uniku fix-xorta tiegħu. "Rarament", jgħid, "jekk qatt insibu verbal f'atti ta' kawża meta persuna titressaq il-Qorti b'arrest, li l-istess prosekuzzjoni, nhar il-preżentata wara talba għall-ħelsien mill-arrest ma topponix tali talba – vide folio 3. Tali verbal sar stante li mill-bidu nett anke l-prosekuzzjoni kienet qed tisħaq li dan il-każ ma huwiex wieħed li jimmerita piena ta' priġunerija effettiva." Anki waqt it-trattazzjoni, kif diġa` ndikat, il-prosekuzzjoni ma eskludietx l-applikazzjoni ta' sentenza sospiża. Ma' dan hemm imbagħad l-indikazzjoni ta' l-ewwel Qorti li kienet lesta tikkunsidra sentenza sospiża ta' priġunerija b'ordni ta' superviżjoni.

**22.** Għandu jiġi kkunsidrat ukoll il-fatt li l-appellant ammetta fl-istadju meta l-minorenni *omissis 1* kienet qed tixhed u ma setgħetx tkompli tixhed għax bdiet tibki. Sal-punt li waqfet tixhed kienet għadha lanqas semmiet xejn dwar dak li kien ġara waqt iċ-*chatting*. Inoltre dan kien każ fejn ma kien hemm l-ebda kuntatt fiżiku. U hemm dubju serju jekk dak li rat din il-minorenni kienx fil-fatt masturbazzjoni. Ma tistax ma ssemmix ukoll din il-Qorti li fil-profil tagħha fuq is-sit Hi5, *omissis 1* indikat l-eta` tagħha bħala "19". Anke *omissis 2* kellha eta` ben divers minn tagħha, eta` f'dan il-każ, pero`, ferm inverosimili, "83".

**23.** Fil-*pre-sentencing investigation report* l-uffiċjal tal-*probation* Rona Custo` tgħid: "Jidher li dan il-każ kien wieħed iżolat u li ma jidhirx li jista' jkun hemm periklu li huwa jerġa' jwettaq l-istess żball għaliex ir-rimors tiegħu, għalkemm jinsisti li ma kienx konxju tal-eta` tal-vittmi jidher li huwa wieħed ġenwin. Il-psikjatra ta' l-appellant insista wkoll li ma hemm l-ebda evidenza ta' xi tendenzi pedofili fi *omissis* u li huwa qiegħed jaħdem mal-appellant biex dan jista' jkun aktar assertiv u kapaċi jaffronta d-diffikultajiet tiegħu aħjar biex b'hekk anke ma jkunx hemm riskju li huwa jerġa' jinqabad f'xi sitwazzjonijiet simili." Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi hija tirrakkomanda illi s-sentenza ta' priġunerija effettiva tiġi mibdula għal waħda ta' priġunerija sospiża, liema sentenza sospiża tkun fil-massimu tagħha filwaqt li magħha tkun annessa kemm Ordni ta' Superviżjoni biex ikompli jiġi assigurat l-andament pożittiv tal-appellant kif ukoll Ordni ta' Trattament biex l-appellant ikompli jiġi segwit minn Dr Mark Xuereb.

**24.** Din il-Qorti hi għalhekk tal-fehma li jeżistu raġunijiet speċjali u straordinarji f'dan il-każ partikolari li minħabba fihom għandu jiġi applikat l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali.

**25.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant ħati taċ-ċirkostanza aggravanti kontemplata fil-paragrafu (b) tal-*proviso* tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 203 tal-Kodiċi Kriminali u minflok tiddikjarah mhux ħati ta' tali ċirkostanza aggravanti; tirrevokaha in kwantu kkundannatu tliet snin priġunerija u minflok tikkundannah għal priġunerija għal perijodu ta' sentejn liema sentenza m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' erba' snin millum huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Inoltre, a tenur ta' l-artikolu 28G tal-Kap. 9, tagħmel ordni ta' superviżjoni u tqiegħed lill-istess *omissis* taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti għal perijodu ta' erba' snin millum taħt il-kondizzjonijiet indikati fl-ordni hawn anness. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Din il-Qorti spjegat lill-imsemmi *omissis* bi kliem ċar ir-responsabbilta` tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti għad-dmirijiet tiegħu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.